TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 232/10

**Rita Aquilina f'isimha personali u f'isem żewġha Edwin Aquilina u ż-żewġt uliedha minuri Ismael u Mark Aquilina**

**vs**

**Mondial Travel Agency**

Illum 4 ta' Mejju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-26 ta' Mejju, 2010 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' elf, erba' mija u ħamsin ewro (€1,450), rappreżentanti diversi nuqqasijiet fil-vjaġġ li kellhom lejn is-Syria u l-Jordan.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu bbukjaw tour lejn Syria u Jordan, u kellhom diversi nuqqasijiet fosthom illi erbgħa mill-hotels li bidlu kienu ta' livell inferjuri, illi l-ikel ma kienx jittiekel, illi l-*Oriental show* ma sarx, illi l-*Folklore Museum* u r-*Roman Theatre* kienu magħluqin, illi s-*service charge* kellu jkun inkluż u ħallsu iżjed flus, illi kellu jkun hemm *English speaking professional local guide* u li ma kienx hemm f'parti minnha.

L-intimat issottometta bil-miktub illi huwa minnu li l-*Oriental show* ma sarx. Rigward l-ikel kien f'ċirkostanzi lil'hinn mill-kontroll tiegħu. Illi mhux minnu li l-hotels kienu ħżiena u rigward it-tips dik hija xi ħaġa *optional*.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota li r-rikorrenti għandhom raġun u qed jemmen il-verżjoni tagħhom għal dak li qed jgħidu.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' seba' mitt ewro (€700), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Av Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888